**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**Vs**

**Fabian Vella**

(Deċiża: 8 ta' Ġunju 2023)

**Kumpilazzjoni Nru. 316/2023 AC**

**Illum, id-29 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Fabian Vella** ta' 41 sena, imwieled il-Pieta' nhar is-17 ta' Novembru, 1981, jirrisjedi ġewwa 25, Deemer, Triq it-Tarzna, Paola u detentur tal-Karta tal-Identita' 0646881M, li kien akkużat talli nhar it-22 ta' April 2023 bejn id-09:00hrs u l-17:00hrs, ġewwa Paola u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Uża vjolenza, inkluż morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew iżola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-detriment ta' missieru u ċioe' **Anthony Vella** li għandu l-eta' ta' 72 sena u li kien qed jgħix fl-istess dar bħall-ħati;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil missieru u ċioe' **Anthony Vella** li għandu l-eta' ta' 72 sena  u li kien qed jgħix fl-istess dar bħall-ħati, biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet;

3. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' missieru **Anthony Vella** li għandu l-eta' ta' 72 sena f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq missieru **Anthony Vella**, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Ritianne Buhagiar (Med. Reg. 4694);

4. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, rrenda ruħu reċidiv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Fabian Vella** a benefiċċju ta' **Anthony Vella** u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' **Anthony Vella** kif jew sabiex tinżamm il-bon-ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Fabian Vella** billi tapplika l-Artikoli 382A *et seq* tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil **Fabian Vella** b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lill-imsemmi **Fabian Vella** sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Charmaine Galea nhar it-23 ta' April 2023, fejn l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Sherona Buhagiar qrat u kkonfermat l-akkużi fil-konfront tiegħu bil-ġurament;

Rat li waqt l-istess seduta, wara li sar l-eżami mingħajr ġurament skont il-Liġi[1], l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament:

1. Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata fit-23 ta' April 2023[2];
2. Ċertifikat Mediku rigward il-Parte Civile **Anthony Vella** datat it-22 ta' April 2023[3];
3. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ ikun trattat bi proċedura sommarja[4];
4. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/833/2023[5];
5. Mandat t'Arrest u Tfittxija fil-konfront tal-imputat datat it-22 ta' April 2023[6];
6. Stqarrija Awdjo-viżwali tal-imputat datata t-23 ta' April 2023[7];
7. Dikjarazzjoni ta' Rinunzja għad-Dritt ta' Assistenza Legali datata t-23 ta' April 2023[8];
8. Stqarrija tal-imputat esebita permezz ta' *pendrive*[9];
9. Nota tal-*Principal Probation Officer* Ivan Sultana datata t-12 ta' Ġunju 2023 li permezz tagħha informa lil din il-Qorti li l-*Probation Officer* Matthew Fleri Soler kien nominat sabiex isegwi lill-imputat Fabian Vella fuq l-Ordni ta' *Probation* datata t-8 ta' Ġunju 2023[10];
10. Nota tal-*Probation Officer* Matthew Fleri Soler datata dwar it-30 ta' Mejju 2024[11].

---

[1] Ara a fol 8 tal-proċess
[2] Ara Dok SB1 a fol 9 *et seq* tal-proċess
[3] Ara Dok SB2 a fol 14 tal-proċess
[4] Ara Dok SB3 a fol 15 tal-proċess
[5] Ara Dok SB4 a fol 16 *et seq* tal-proċess
[6] Ara Dok SB5 a fol 19 *et seq* tal-proċess
[7] Ara Dok SB6 a fol 22 tal-proċess
[8] Ara Dok SB7 a fol 23 tal-proċess
[9] Ara Dok SBX a fol 51 tal-proċess
[10] Ara a fol 70 tal-proċess
[11] Ara a fol 71 tal-proċess

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2023, fejn wara li din il-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u wara li tagħtu l-opportunita' sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minnha, huwa tenna d-dikjarazzjoni tiegħu ta' ħtija, u konsegwentement, din il-Qorti ma kellhiex triq oħra għajr li ssib lill-imputat ħati;

Rat is-sentenza tagħha datata t-8 ta' Ġunju 2023, fejn wara li rat l-Artikolu 17(b), l-Artikolu 251(1), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251HA, l-Artikolu 202(h)(iii), l-Artikolu 202(h)(v), l-Artikolu 251(3), l-Artikolu 222(1), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 214, l-Artikolu 412(D), l-Artikolu 49 l-Artikolu 50 u l-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 2 u l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fost disposizzjonijiet oħra tal-Liġi, filwaqt li ssib lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, *stante* li l-Qorti kienet tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 2 u 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, poġġiet lill-imputat, issa l-ħati, taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet (3) snin mid-data tas-sentenza skont id-dispost tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan li għal dan l-iskop ordnat li l-istess Fabian Vella jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' *Probation Officer* indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, liema ordnijiet kienu soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti fl-istess ġurnata u anness mas-sentenza u tifforma parti integrali minnha;

Rat li a tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lil Fabian Vella bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' *Probation* kif ukoll tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi mal-istess sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-Ordni tal-*Probation*, jista' jingħata sentenza għar-reati li għalihom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu ikunu sofferti f'każ ta' nuqqas ta' adeżjoni mat-termini tal-Ordni hawn fuq imsemmija. *Ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' *Probation* bid-digriet tal-istess ġurnata għandhom ikunu trasmessi minnufih lid-Direttur

tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* sabiex jassenja *Probation Officer* għas-sorveljanza ta' Fabian Vella. Il-*Probation Officer* assenjat kien ordnat jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-istess imputat Fabian Vella kull sitt (6) xhur;

*In oltre* l-Qorti ordnat li tinħareġ Ordni ta' Trattament *ai termini* tal-Artikolu 412(D) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat għal tul ta' tliet (3) snin biex ikun indirizzat il-vizzju tiegħu tad-droga. Il-Qorti spjegat b'mod ċar il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat. Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza għandha tkun notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*;

*In oltre* u b'applikazzjoni tal-Artikolu 382A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti rabtet lill-imputat b'Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' **Anthony Vella** għal żmien sentejn;

*In oltre* b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti poġġiet lill-imputat taħt obbligazzjoni personali għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum taħt penali ta' elfejn Ewro (€2,000) milli jimmolesta u/jew jivvessa lil **Anthony Vella**;

*Stante* li ma kien hemm ebda esperti jew periti mqabbda in konnessjoni ma' din il-kawża, l-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

*Ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li fiż-żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza;

Rat ir-rikors tal-*Probation Officer* Matthew Fleri Soler datat is-7 ta' Ottubru 2024[12], li permezz tagħha għamel denunzja fil-konfront tal-ħati, issa d-denunzjat, **Fabian Vella** *ai termini* tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn ir-rikorrent jispjega li d-denunzjat ma żammx il-kuntatt mistenni minnu mal-*Probation Officer* b'dan li falla jew ippospona numru t'appuntamenti konsekuttivi d-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole*, u

[12] Ara a fol 72 tal-proċess

dan minkejja li kien bi twissija finali. Jispjega wkoll li d-denunzjat naqas milli jżomm il-kuntatt meħtieġ mal-Aġenzija Sedqa sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga, kif ukoll li fit-2 ta' Ottubru 2024, Fabian Vella nqabad fil-fatt jipprova jqarraq waqt *test* tal-urina sabiex ikun analizzat it-teħid tad-droga fi ħdan id-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole*, fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tieħu l-provvidementi neċessarji fil-konfront tad-denunzjat; Rat illi d-denunzja kienet appuntata għall-20 ta' Novembru 2024 permezz ta' digriet datat it-8 ta' Novembru 2024[13];

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u ċioe' l-***Probation Officer*** **Matthew Fleri Soler**[14] li bil-ġurament tiegħu jiddikjara li fit-8 ta' Ġunju 2023, id-denunzjat kien taħt Ordni ta' *Probation* u Ordni ta' Trattament għal żmien 3 snin, liema Ordni tal-aħħar speċifikat li kellu jindirizza l-problema tad-droga li tmur lura għas-sena 2012, fejn ix-xhud jispjega li kellu l-opportunita' jaħdem mad-denunzjat fuq żewġ Ordnijiet ta' *Probation* passati, u jsostni li sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga b'mod sħiħ, id-denunzjat għandu bżonn jidħol fi programm residenzjali. Jispjega li dan ix-xenarju iddiskutieh mad-denunzjat mill-ewwel appuntament, iżda wera resistenza biex isegwi din id-direttiva u jissieħeb fi programm. Għalhekk intlaħaq kompromess bejniethom waqt laqgħa fis-26 ta' Ġunju 2023 fejn kien miftiehem li jekk id-denunzjat jonqos milli jattendi appuntament ieħor jew jissottometti kampjun tal-urina bi traċċi ta' droga fih, kien ser ikollu jibda l-proċess sabiex jidħol fi programm. Ix-xhud jispjega li matul l-ewwel tmien ġimgħat bejn Ġunju u Lulju 2023, id-denunzjat kien il-Ħabs u waqt appuntament li kellu fis-7 ta' Settembru 2023, ammetta max-xhud u ffirma dikjarazzjoni fis-sens li reġa' beda jieħu l-kokaina u l-eroina, u sal-aħħar tas-sena 2023, id-denunzjat ingħata 6 appuntamenti, fejn attenda 3 minnhom u għal *test* tal-urina li ttieħed fit-12 ta' Settembru 2023, irriżulta posittiv għall-eroina u l-kokaina. Ix-xhud ikompli jispjega li f'Mejju 2024, ippreżenta nota bl-andament tad-denunzjat li fiha spjega li f'dan l-istadju d-denunzjat kien qiegħed jingħata l-benefiċċju tad-dubju fuq in-nuqqas ta' kuntatt u dan minħabba problemi ta' saħħa li kien għaddej minnhom u minħabba missieru f'dak iż-żmien, u barra minn dan, id-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* kien għaddej minn azzjonijiet industrijali, u għalhekk id-denunzjat

[13] Ara a fol 73 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda tiegħu fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2024 a fol 78 *et seq* tal-proċess

ingħata dan il-benefiċċju tad-dubju. Ix-xhud jiddikjara li wara li ntemmu dawn l-azzjonijiet, reġa' kien stabbilit kuntatt mad-denunzjat fis-27 ta' Mejju 2024, fejn it-*test* tal-urina reġa' rriżulta fil-posittiv għall-kokaina u l-eroina. Kien hawnhekk li d-denunzjat aċċetta li jidħol fi programm, fejn wara ħafna xhur, sar kuntatt mal-Aġenzija Sedqa f'Lulju 2024, iżda f'Ottubru 2024, ingħalaq il-*file* tiegħu mill-programm tal-Aġenzija minħabba nuqqas ta' attendenza, u jkompli jispjega li minn Lulju 2024 sa Ottubru 2024, in-nuqqas ta' kuntatt tad-denunzjat kien evidenti mill-ammont ta' appuntamenti li attenda għalihom, fejn minn 7 appuntamenti attenda 3 biss. Fl-appuntament tat-2 ta' Ottubru 2024 id-denunzjat kien innutat li pprova jqarraq waqt *test* tal-urina u nnutaw li ma kellu l-ebda motivazzjoni ġenwina sabiex isegwi l-Ordni ta' *Probation* u Ordni ta' Trattament li kellu *in vigore*, u kien għalhekk li saret id-denunzja fil-konfront tiegħu. Mistoqsi dwar kif id-denunzjat qarraq bit-teħid tal-kampjun tal-urina, ix-xhud jispjega li n-*nurse* infurmatu li d-denunzjat kien tah kampjun mhux validu peress li kellu bott tal-urina li ma kienx li tah in-*nurse*, fejn għal-ewwel innega li kien qarraq, iżda mbagħad ammetta li għamel hekk u skuża ruħu. Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud jispjega li l-bottijiet li bihom jittieħdu l-kampjuni kienu kollha l-istess b'għatu aħmar, u stqarr li ma kienx ċert jekk il-bott kienx tal-istess batch. Isostni pero' li barra milli ra lin-*nurse* jagħti l-bott lid-denunzjat, hu identifika l-bott li ma kienx dak li ngħata d-denunzjat biex jitteħidlu l-kampjun tal-urina. In kontro-eżami ix-xhud jikkonferma li l-bott li jingħata għall-kampjuni jkun mgħoddi lil min ikun ser jagħti l-kampjun min-*nurse* inkarigata mis-sorveljanza ta' dawn it-testijiet, u jikkonferma li ra lill-istess *nurse* jagħti l-bott lid-denunzjat. Jistqarr pero' li bl-amment ma kienx jaf jekk il-bott li kellux għatu aħmar, iżda jikkonferma li ra ż-żewġ bottijiet. Filwaqt li jikkonferma li d-denunzjat ta kampjun tal-urina fit-2 ta' Ottubru 2024, ix-xhud iżid jgħid li kien hemm punti oħrajn li mmeritaw li ssir denunzja fil-konfront tiegħu anke qabel dakinhar. Jispjega li informa lid-denunzjat li kien ser javża lill-Qorti b'dak li kien seħħ dakinhar, pero' qabel ma tah appuntament ieħor, kien qed jistenna li tkun appuntata d-denunzja sabiex jitlob gwida mill-Qorti dwar kif għandha titkompla s-superviżjoni tad-denunzjat, jekk għandha titkompla. F'dan l-istadju ix-xhud jikkwota dak li hemm imwaħħal fil-kamra ta' fejn jittieħdu l-kampjuni u ċioe' li "***il-klijenti tad-Dipartiment tal-Probation and Parole ħa jittieħdu passi fil-konfront ta' min jinqabad jilgħab bis-sistema ta' teħid ta' kampjun tal-urina u/jew jagħti kampjun tal-urina falz jew***

***imbagħbas, din titqies bħala ksur serju tar-regoli***"[15] Fuq domanda tad-Difiża ix-xhud jikkonferma li kien in-*nurse* li informah dwar l-inċident, iżda jikkonferma wkoll li kien id-denunzjat stess li, għalkemm meta kkonfrontah għall-bidu innega li għamel dan, ammetta max-xhud li kien qarraq bit-teħid tal-kampjun tal-urina u kien skuża ruħu miegħu, u stqarr li kien ilu jaħdem mad-denunzjat mill-2012. Fuq domanda tad-Difiża, ix-xhud jikkonferma li mill-aħħar darba li kien rah, id-denunzjat kien għadu mingħajr impjieg; Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2024, fejn il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li d-denunzjat ingħata diversi ċansijiet sabiex jirriforma ruħu, u minkejja li ma kienx hemm inċidenti ulterjuri ta' vjolenza domestika fil-konfront tal-ġenituri, *stante* li ma weriex motivazzjoni sabiex jaqbad it-triq it-tajba, talbet sabiex is-sentenza oriġinali mogħtija minn din il-Qorti nhar it-8 ta' Ġunju 2023 tkun konvertita f'sentenza sospiża fil-massimu tagħha, iżda talbet ukoll sabiex l-Ordni ta' Trattament fil-konfront tad-denunzjat tibqa' *in vigore* sabiex jibqa' jirċievi l-għajnuna neċessarja sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga. Min-naħa tagħha d-Difiża ssottomettiet li d-denunzjat huwa lest li jkompli jtejjeb is-sitwazzjoni tiegħu u jekk kienx fit-triq it-tajba, jerġa' lura fuqha sabiex ma jibqax għaddej b'dan l-istil ta' ħajja. F'dan l-istadju id-Difiża informat lil din il-Qorti li d-denunzjat sab impjieg, u li dik il-ġimgħa stess kien ikkonfermat li ser jibda jaħdem bħala *cleaner*, u għalhekk temmen li jista' jkompli jimmeljora l-qagħda tiegħu;

Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat li d-denunzja kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

L-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

"***Jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti, li min ikun taħt probation jkun naqas milli jħares xi ħtieġa ta' sanzjoni fil-komunità, dik il-qorti tista' mingħajr preġudizzju għat-tkomplija tas-sanzjoni, twaħħal il-ħati ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn u***

[15] Ara a fol 83 tal-proċess

***tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), jew tista' tittratta ma' min ikun taħt probation, għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat***".

Mix-xhieda tal-*Probation Officer* Matthew Fleri Soler, jirriżulta b'mod ċar u inekwivoku li **Fabian Vella** naqas li jobdi u jaderixxi ruħu mal-ordnijiet mogħtija lilu fis-sentenza msemmija tat-8 ta' Ġunju 2023 u li għalhekk l-istess imsemmi *Probation Officer* Matthew Fleri Soler kienet legalment korretta meta ntavolat id-denunzja odjerna;

A rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-piena mogħtija minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Ġunju 2023 tkun konvertita f'piena ta' priġunerija sospiża fil-massimu tagħha kif ukoll li l-Ordni ta' Trattament datata t-8 ta' Ġunju 2023 tibqa' *in vigore*, il-Qorti tosserva li mill-provi prodotti, joħroġ biċ-ċar li l-imputat, issa d-denunzjat, m'aderixxiex mal-obbligi tiegħu *ai termini* tal-Ordni ta' *Probation*, tant li barra milli naqas milli jattendi għall-appuntamenti iffissati mill-*Probation Officer*, meta daħal fi programm tal-Aġenzija Sedqa, l-file tiegħu ingħalaq. L-inċident li seħħ fit-2 ta' Ottubru 2024 ikompli juri nuqqas ta' motivazzjoni da parti tal-istess denunzjat li jtejjeb is-sitwazzjoni tiegħu. Madankollu, din il-Qorti tirrikonoxxi l-gravita' tal-vizzju tad-droga u d-diffikulta' ta' persuni li jsofru minn dan il-vizzju, u għalhekk, filwaqt li temmen li għandu jingħata messaġġ ċar li Ordnijiet ta' *Probation* jeżistu sabiex ikunu segwiti u li għandu jkun hemm konsegwenzi għal min jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet tagħhom, temmen ukoll li piena karċerarja effettiva m'hijiex l-aħjar soluzzjoni sabiex id-denunzjat jegħleb il-vizzju tiegħu tad-droga, u għandha tingħata l-għajnuna neċessarja għal dan il-għan.

**<u>Decide:</u>**

Għaldaqstant, din il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta ssib l-imputat ħati li naqas li joqgħod għall-ħtiġijiet tal-Ordni tal-*Probation* u l-Ordni ta' Trattament mogħtija minn din l-istess Qorti kif preseduta fl-ismijiet premessi fit-8 ta' Ġunju 2023 u konsegwentement qed titratta mal-istess imputat, issa d-denunzjat, għar-reati li tagħhom instab ħati permezz tas-sentenza mogħtija fl-ismijiet

premessi ta' nhar it-8 ta' Ġunju 2023 u għalhekk, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 17(b), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 49, l-Artikolu 50, l-Artikolu 202(h)(iii), l-Artikolu 202(h)(v), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 221(1), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 251(1), l-Artikolu 251(3), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251HA, l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(4), tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tikkundannah għal **sentejn (2) priġunerija, li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tkun sospiża għal perjodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza**;

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fissret lid-denunzjat, issa l-ħati, **Fabian Vella** bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' din is-sentenza, inkluż ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet imposti fuqu minn din il-Qorti, u ċioe' li f'każ li jikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, **il-perjodu operattiv ma jibqax fis-seħħ, u l-piena ta' priġunerija ta' sentejn (2) imsemmija aktar 'il fuq issir waħda effettiva**;

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'żieda mal-piena imposta, *stante* li hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa, u sabiex l-imputat, issa l-ħati **Fabian Vella** jindirizza l-vizzju tiegħu tad-droga u jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku neċessarju minn dak li jista' jkun konstatat mill-professjonisti inkarigati mis-sorveljanza tal-ħati, qiegħda tordna li l-ħati **Fabian Vella** jitpoġġa taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti **għall-perjodu operattiv kollu ta' din is-sentenza sospiża, u ċioe' għal żmien erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza**;

*In oltre*, *ai termini* tal-Artikolu 28G(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti fissret lill-ħati **Fabian Vella** l-obbligi tiegħu taħt dan l-Artikolu, u ċioe' li għandu jibqa' f'kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn żmien għal żmien jimponi fuqu dak l-uffiċjal;

*In oltre*, għal dan il-għan, *ai termini* tal-Artikolu 28G(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti qiegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mad-digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni hekk kif stipulat mill-Artikolu 28G(1) tal-istess Kapitolu, liema Ordni

għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien mad-digrieti kollha relattivi għall-istess sentenza, tkun komunikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, sabiex jappunta uffiċjal sorveljanti li *ai termini* tal-Artikolu 28G(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jkun *Probation Officer* sabiex jissorvelja lill-ħati **Fabian Vella**, u li **l-istess *Probation Officer* għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti kull tliet (3) xhur dwar l-andament tal-ħati Fabian Vella**;

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**